*<u>Dokument tat-Task Force Konġunt</u>*

# Assistenza fil-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Kriminali għall-Prattikanti

# Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u l-Eurojust

# Kif nistgħu ngħinuk?

**6 ta' Mejju 2014**

## Introduzzjoni

Dan id-dokument huwa r-riżultat ta' sforz komuni tat-Task Force Konġunt bejn in-NĠE u l-Eurojust (JTF). L-għan ewlieni ta' dan id-dokument huwa li jassisti lill-prattikanti biex jiddeċiedu jekk il-każijiet għandhomx jiġu trattati min-NĠE jew mill-Eurojust. Id-dokument jiżgura wkoll li kemm in-NĠE kif ukoll l-Eurojust jittrattaw każijiet li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom billi jużaw il-ħin u r-riżorsi b'mod effiċjenti u effikaċi u jipprevjenu x-xogħol doppju.

Id-dokument jinforma lill-prattikanti ġudizzjarji fl-Istati Membri dwar is-servizzi u l-assistenza fil-kooperazzjoni internazzjonali f'materji kriminali li jistgħu jingħataw min-NĠE u l-Eurojust. Id-dokument ikopri wkoll l-użu tas-Sistema ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Eurojust (ENCS).

Id-dokument mhux maħsub biex jissostitwixxi kwalunkwe dispożizzjonijiet jew linji gwida domestiċi rigward ir-razzjonalizazzjoni tal-każijiet bejn in-NĠE u l-Eurojust.

## I X'inhu n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew?

In-NĠE huwa netwerk ta' Punti ta' Kuntatt nazzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali huma prosekuturi li jaħdmu, imħallfin li jinvestigaw jew persuni oħra li jittrattaw kważi b'mod esklussiv ma' materji relatati mal-kooperazzjoni internazzjonali. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali huma magħżulin minn kull Stat Membru mill-awtoritajiet ċentrali jew awtoritajiet oħra li jwettqu l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, kemm b'mod ġenerali kif ukoll għal ċerti forom ta' delitti serji, bħall-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, it-traffikar tad-drogi u t-terroriżmu. In-NĠE huwa magħmul minn iżjed minn 300 Punt ta' Kuntatt fit-28 Stat Membru kollha. Minn fost il-Punti ta' Kuntatt, kull Stat Membru jagħżel Korrispondent Nazzjonali għan-NĠE. Jiġi maħtur ukoll Korrispondent għall-Għodda minn kull Stat Membru biex jittratta l-materji relatati mal-għodda elettroniċi tan-NĠE.

Is-Segretarjat tan-NĠE, li jinsab fl-Aja, huwa l-korp amministrattiv tan-NĠE. Sabiex jiżgura interazzjoni mill-qrib bejn l-Eurojust u n-NĠE, is-Segretarjat jifforma parti mill-persunal tal-Eurojust, imma jiffunzjona bħala unità separata. Is-Segretarjat tan-NĠE huwa responsabbli, fost l-oħrajn, biex jipprovdi l-appoġġ lill-Punti ta' Kuntatt nazzjonali biex dawn jissodisfaw il-kompiti tagħhom, biex jistabbilixxi, jagħmel manutenzjoni u jtejjeb is-sit tan-NĠE u l-għodda elettroniċi operazzjonali tiegħu u għall-amministrazzjoni ġenerali tan-NĠE.

Iżjed informazzjoni dettaljata dwar is-Segretarjat tan-NĠE tista' tinstab fuq http://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/EJN_Secretariat.aspx, jew billi tagħmel kuntatt mas-Segretarjat tan-NĠE fuq ejn@eurojust.europa.eu.

## X'jista' jagħmel in-NĠE għalik?

Jekk teħtieġ l-assistenza min-NĠE, inti għandek tikkuntattja lill-Punti ta' Kuntatt f'pajjiżek jew Punt ta' Kuntatt fil-pajjiż involut fil-każ. Iżjed informazzjoni dettaljata dwar il-Punti ta' Kuntatt tista' tinstab f'żona ristretta fuq is-sit tan-NĠE - http://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/. L-aċċess jista' jinkiseb permezz tal-awtoritajiet nazzjonali tiegħek.

In-NĠE għandu jintuża f'dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- ***Biex jidentifika l-awtoritajiet kompetenti barra mill-pajjiż u jippermetti komunikazzjoni diretta***

Fuq is-sit tan-NĠE, www.ejn-crimjust.europa.eu, tista' ssib Atlas elettroniku għal talbiet għal assistenza legali reċiproka (MLA) u Atlas għal Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW). Kull wieħed minn dawn l-Atlas jgħinek tikseb l-indirizzi u n-numri tat-telefon/faks tal-awtoritajiet barra mill-pajjiż. It-taqsimiet ewlenin ta' kull Atlas huma tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea. Jekk ma tkunx tista' ssib l-informazzjoni ta' kuntatt li teħtieġ fl-Atlas, tista' tistaqsi lil Punt ta' Kuntatt tan-NĠE fl-Istat Membru tiegħek biex jagħtik dik l-informazzjoni minnufih. Il-lista tal-Punti ta' Kuntatt tan-NĠE hija protetta bil-password għal raġunijiet ta' sigurtà – imma din hija aċċessibbli għall-Punti ta' Kuntatt tan-NĠE tal-Istat Membru tiegħek stess. Għalhekk, jekk tkun teħtieġ assistenza biex tagħmel kuntatti man-NĠE fi Stat Membru ieħor, l-aħjar metodu biex tagħmel dan huwa li tindirizza wieħed mill-Punti ta' Kuntatt tan-NĠE nazzjonali tiegħek.

- ***Biex jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja***

Jekk teħtieġ informazzjoni rigward il-kundizzjonijiet biex tirċievi assistenza minn Stat Membru ieħor f'każ speċifiku, inti tista' tindirizza l-Punti ta' Kuntatt fl-Istat Membru tiegħek jew tuża taqsimiet rilevanti mis-sit tan-NĠE:

- ✓ *meta tinħareġ lttra ta' Talba (LoR)*, biex tikseb iżjed informazzjoni dettaljata dwar ir-rekwiżiti legali stabbiliti mil-liġi tal-Istat Membru rikjest jew biex tiddiskuti l-formalitajiet speċjali fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni MLA tal-UE 2000. Il-*Kompendju* tal-websajt tan-NĠE joffri l-possibbiltà li b'mod elettroniku tinħoloq LoR;
- ✓ *fil-fażi tat-twettiq ta' LoR,* biex tikseb informazzjoni supplementari jew biex tippermetti t-twettiq xieraq tat-talba;
- ✓ *fil-każ ta' dewmien jew nuqqas ta' twettiq ta' LoR,* biex tiċċekkja l-istat tat-twettiq fl-Istat Membru rikjest u/jew biex tħaffef it-twettiq permezz tal-intervent ta' Punt ta' Kuntatt nazzjonali; jew
- ✓ *meta jinħareġ EAW*, inti tista' tuża l-formola pprovduta taħt it-taqsima tal-EAW tas-sit tan-NĠE, fejn tista' ssib ukoll informazzjoni dwar l-istatus ta' implimentazzjoni tal-EAW, informazzjoni prattika relatata mal-formoli, id-dikjarazzjonijiet u n-notifiki mill-Istati Membri differenti;
- ✓ *meta teħtieġ b'mod urġenti informazzjoni dwar każijiet ta' EAW jew MLA b'data ta' skadenza qasira ħafna*;
- ✓ *meta teħtieġ informazzjoni dwar l-istatus ta' implimentazzjoni tal-istrumenti legali tal-UE* f'kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, jew dwar dokumenti prattiċi rilevanti (jiġifieri notifiki, manwali, rapporti ta' evalwazzjoni), permezz tal-Librerija tan-NĠE fuq:

http://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx

- ***Biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji***

Bħala prosekuturi li jaħdmu u maġistrati li jeżaminaw, il-Punti ta' Kuntatt tan-NĠE spiss ikunu jistgħu jikkondividu l-informazzjoni rigward investigazzjonijiet jew proċeduri li jkunu għaddejjin u r-riżultati tagħhom, persuni detenuti, perjodi ta' detenzjoni u deċiżjonijiet ġudizzjarji f'każijiet speċifiċi, malajr u b'mod informali. Dan it-tip ta' skambju ta' informazzjoni xi kultant jista' jevita l-ħtieġa li tintbagħat LoR formali. Jekk teħtieġ din l-informazzjoni matul l-investigazzjoni jew il-proċeduri tiegħek stess, b'mod speċjali f'sitwazzjonijiet urġenti, u l-leġiżlazzjoni tiegħek tippermetti din it-tip ta' investigazzjoni, għamel kuntatt ma' Punt ta' Kuntatt tan-NĠE, billi tindika r-raġuni għaliex teħtieġ din l-informazzjoni, u tipprovdi deskrizzjoni qasira tal-investigazzjoni jew il-proċeduri tiegħek stess.

- ***Biex jikseb informazzjoni dwar miżuri investigattivi***

Is-sit tan-NĠE jipprovdi, fil-Fiches Belges tiegħu, ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti rigward miżuri investigattivi fil-qasam tal-MLA. Jekk tkun teħtieġ iżjed informazzjoni, dejjem tista' tindirizza l-mistoqsijiet tiegħek lill-Punti ta' Kuntatt nazzjonali tan-NĠE.

# II X'inhu l-Eurojust?

L-Eurojust huwa korp tal-Unjoni Ewropea li ġie stabbilit fl-2002 biex jistimula u jtejjeb il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jittrattaw ma' delitti transkonfinali serji, bħall-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, it-traffikar tad-drogi u t-terroriżmu.

L-Eurojust huwa bbażat fl-Aja. L-Eurojust jissodisfa l-kompitu ewlieni tiegħu billi jiffaċilita l-MLA u t-twettiq tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku, bħall-EAW.

L-attivitajiet tal-Eurojust jirrelataw l-iżjed mal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri. Madankollu, l-Eurojust jista' jikkoopera wkoll ma' Stati terzi.

**X'jista' jagħmel l-Eurojust għalik?**

Jekk teħtieġ l-assistenza tal-Eurojust, inti għandek tikkuntattja l-Uffiċċju Nazzjonali tiegħek fl-Eurojust. Ara s-sit tal-Eurojust għal aktar informazzjoni:

http://eurojust.europa.eu/Pages/home.aspx

L-Eurojust jista' joffri firxa wiesgħa ta' assistenza prattika:

- ***Biex jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja***

Il-Eurojust jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali permezz tal-Membri Nazzjonali, id-deputati u l-assistenti tagħhom, li lkoll huma f'pożizzjoni biex jiffaċilitaw il-kuntatt bejn l-awtoritajiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni f'materji kumplessi, f'każijiet urġenti jew f'sitwazzjonijiet fejn kanali oħra ta' kooperazzjoni ma jidhrux xierqa jew li aktarx jipproduċu riżultati fil-qafas taż-żmien meħtieġ.

Il-Eurojust jista' jassisti fil-kisba tal-informazzjoni dwar l-istatus ta' talba għal MLA jew it-twettiq ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku (MRIs) meta kanali oħra ta' komunikazzjoni (jiġifieri kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet nazzjonali jew kanali ta' komunikazzjoni oħra) ma kinux ta' suċċess.

Il-Eurojust jista' jipprovdi wkoll assistenza f'każijiet fejn it-talbiet għal MLA u MRIs ikunu jridu jitwettqu b'mod urġenti. Minħabba l-kompitu ewlieni tal-Eurojust li jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja, hemm kanali oħra miftuħa għall-iskambju tal-informazzjoni tal-pulizija u għal finijiet ta' informazzjoni sigrieta (intelligence).

Il-Eurojust jirċievi informazzjoni dwar għadd ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jkunu għaddejjin fl-Istati Membri. Meta l-Eurojust jirċievi din l-informazzjoni, ikun f'pożizzjoni li jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali b'informazzjoni dwar każijiet pendenti rilevanti fi Stati Membri oħra.

L-Eurojust jista' jappoġġja wkoll lill-prattikanti billi jeżamina l-abbozz tat-talbiet għal MLA ('kontroll tal-kwalità').

- ***Biex jgħin fil-prevenzjoni jew biex jirrisolvi konflitti ta' ġurisdizzjoni***

F'każijiet fejn iżjed minn Stat Membru wieħed għandu ġurisdizzjoni, l-Eurojust jista', biex jevita jew jirrisolvi l-konflitti ta' ġurisdizzjoni, jiġi kkonsultat għal opinjoni mhux vinkolanti li biha l-Istati Membri jkun f'qagħda aħjar biex iwettqu investigazzjoni jew prosekuzzjoni tal-każ.

- ***Biex jikkoordina l-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjonijiet***

Minħabba l-istruttura tiegħu u l-livell ta' esperjenza f'kooperazzjoni ġudizzjarja, l-Eurojust jinsab f'qagħda favorevoli biex jassisti f'każijiet fejn l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin f'żewġ Stati Membri jew iżjed ikunu jeħtieġu li jiġu kkoordinati permezz tal-iskambju tal-informazzjoni rilevanti dwar il-każ. L-Eurojust jgħin ukoll biex jiddetermina jekk l-Istati Membri għandhomx ikomplu b'investigazzjonijiet separati jew jekk għandhomx jikkonċentraw l-investigazzjonijiet u l-proċeduri fi Stat Membru wieħed jew aktar.

Barra minn hekk, l-Eurojust jassisti f'diskussjonijiet u ftehimiet bejn l-Istati Membri involuti dwar kif, meta jew fejn se tittieħed azzjoni konġunta jew se tibda l-prosekuzzjoni.

- ***Biex jorganizza u jappoġġja l-laqgħat ta' koordinazzjoni u ċ-ċentri ta' koordinazzjoni***

L-Eurojust jista' jorganizza laqgħat ta' koordinazzjoni fl-Aja jew x'imkien ieħor bejn l-investigaturi, il-prosekuturi u l-imħallfin li qed jinvestigaw minn Stati Membri differenti. Il-laqgħat ta' koordinazzjoni xi kultant jinkludu rappreżentanti mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-infurzar tal-liġi ta' Stati terzi, l-Europol u l-OLAF.

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma għodda ferm utli li jippermettu lill-prattikanti jiskambjaw informazzjoni fil-lingwa tagħhom stess dwar investigazzjonijiet relatati u jippjanaw azzjonijiet konġunti. Il-kwistjonijiet li setgħu ħadu ż-żmien u riżorsi konsiderevoli biex jiġu solvuti taħt skemi ta' kooperazzjoni tradizzjonali spiss jistgħu jiġu solvuti b'mod rapidu matul dawn il-laqgħat.

Attwalment l-Eurojust ikopri l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni fl-Aja u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar għal żewġ parteċipanti minn kull Stat Membru. L-Eurojust jista' jorganizza wkoll ċentri ta' koordinazzjoni, li għandhom l-għan li jappoġġjaw u jikkoordinaw l-azzjonijiet konġunti (spiss maqbula matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni) li għandhom jitwettqu simultanjament fi Stati Membri differenti. Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni jiżguraw it-trażmissjoni f'ħin reali u l-koordinazzjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti matul jum ta' azzjoni, pereżempju meta jkun hemm il-ħtieġa li jitwettaq b'mod simultanju tiftix fid-djar f'pajjiżi differenti. Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni jippermettu wkoll is-soluzzjoni ta' kwistjonijiet possibbli li jqumu matul it-twettiq tal-EAWs jew tat-tiftix u s-sekwestru billi jiġu emendati l-LoRs jew il-mandati.

- ***Biex jiffaċilita u jappoġġja l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta***

Il-Eurojust jista' jassisti u jiffaċilita l-istabbiliment, il-funzjonament u l-evalwazzjoni tal-iskwadri ta'

investigazzjoni konġunta (SIK). Il-Eurojust jista' jidentifika każijiet xierqa għall-istabbiliment ta' SIK, jista' jipprovdi informazzjoni legali u prattika utli, eż. dwar il-liġijiet nazzjonali, l-ostakoli prattiċi u l-aħjar prattika, u jista' jipprovdi assistenza fl-abbozzar tal-ftehimiet tas-SIK u fil-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali. Fejn titqies ta' għajnuna, il-Membri Nazzjonali tal-Eurojust jistgħu jipparteċipaw ukoll fis-SIK.

L-Eurojust jista' jipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju biex ikopri xi wħud mill-ispejjeż li jirriżultaw mis-SIK u/jew tagħmir, bħal telefons ċellulari.. Ara din is-sit li ġejja għal aktar informazzjoni:

*http://eurojust.europa.eu/Practitioners/Eurojust-Support-JITs/JITs/Pages/history.aspx*

- ***Biex jikkoordina u jiffaċilita t-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja lil u mingħand Stati terzi***

Jekk inti teħtieġ li tikkuntattja awtorità nazzjonali fi Stat terz, inti tista' tikkuntattja l-Uffiċċju Nazzjonali tiegħek fl-Eurojust. L-Eurojust għandu Punti ta' Kuntatt f'madwar tletin Stat terz (inklużi l-Arġentina, il-Brażil, l-Indja, it-Tajlandja, il-Federazzjoni Russa, u l-Ukraina).

L-Eurojust għandu wkoll ftehimiet ta' kooperazzjoni fis-seħħ man-Norveġja, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Islanda, l-Isvizzera, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Liechtenstein. Dawn il-ftehimiet jistgħu jinkludu wkoll l-iskambju tad-dejta personali. Barra minn hekk, il-prosekuturi ta' kollegament min-Norveġja u l-Istati Uniti tal-Amerika jinsabu stazzjonati fl-Eurojust.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit tal-Eurojust fuq:

http://www.eurojust.europa.eu/doclibrary/Eurojust-framework/Pages/agreements-concluded-by-eurojust.aspx

## III X'inhu r-rwol tal-ENCS?

L-ENCS attwalment qed jiġi implimentat fl-Istati Membri. L-ENCS għandu żewġ funzjonijiet ewlenin: 1) li jiżgura l-koordinazzjoni tax-xogħol imwettaq mid-diversi korrispondenti/punti ta' kuntatt/esperti stabbiliti fil-qlieda kontra l-kriminalità, inkluż il-Korrispondent Nazzjonali tan-NĠE u sa tliet Punti ta' Kuntatt tan-NĠE; u 2) li jiffaċilita t-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust fl-Istati Membri. Meta jiġu magħżula diversi korrispondenti għall-Eurojust, wieħed minnhom għandu jkun responsabbli mill-funzjonament tal-ENCS.

L-ENCS huwa fdat, fost l-oħrajn, b'kompiti biex 1) jiżgura li s-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet tal-Eurojust tirċievi l-informazzjoni relatata mal-Istat Membru kkonċernat b'mod effiċjenti u affidabbli, 2) jassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u lill-prattikanti fid-determinazzjoni ta' jekk każ għandux jeħtieġ l-assistenza tal-Eurojust jew tan-NĠE, u 3) jassisti lill-Membri Nazzjonali tal-Eurojust biex jidentifikaw l-awtoritajiet rilevanti għat-twettiq tat-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja u MRIs.

## IV L-EUROJUST jew in-NĠE – liema naħa se mmorru?

L-Eurojust u n-NĠE t-tnejn jinsabu għad-dispożizzjoni tiegħek. Jekk m'intix ċert liema wieħed għandek tikkuntattja, ma jimpurtax għaliex l-Uffiċċji Nazzjonali tal-EUROJUST u l-Punti ta' Kuntatt tan-NĠE jistgħu faċilment jikkollegaw bejniethom. Bħala konklużjoni, il-qafas istituzzjonali jiżgura li t-talba tiegħek għall-appoġġ tgħaddi għand l-iżjed parteċipant xieraq. Għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li tindirizza liż-żewġ entitajiet bl-istess problema.